MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2006

Appell Civili Numru. 1188/1996/1

**Emanuel Caruana**

**v.**

**Pawlu u Anna konjugi Falzon; u**
**l-Avukat Nives Grixti u**
**l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer**
**mahtura b'digriet tal-15 ta' Mejju 1996**
**kuraturi biex jirrapprezentaw lill-assenti**
**Ivan u Lourdes konjugi Caruana**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni ipprezentata mill-attur fil-15 ta’ April 1996 li tghid hekk:
“Peress illi skond kuntratt datat 23 ta’ Lulju 1993 atti Nutar Dottor Mario Bugeja l-attur dahal garanti solidali a favur tal-konvenut ibnu Ivan Caruana ghall-obbligi assunti mill-imsemmi ibnu b’kuntratt tat-28 ta’ Novembru 1990 u dan billi kkostitwixxa ipoteka specjali fuq bicctejn proprjeta` parafernali tieghu fl-Imqabba;

“Peress illi l-istanti kien kostrett jersaq fuq il-kuntratt imsemmi minhabba vjolenza fizika u morali ezercitata fil-konfront tieghu u lil hwejgu mill-istess ibnu l-konvenut Ivan Caruana;

“Peress illi ghalhekk il-kunsens ta’ l-attur hu vizzjat in kwantu l-kunsens gie karpit bi vjolenza, minaccji u pressjoni tali li impressjonat u bezzghet lill-istanti li huwa nnifsu, membri ohra prossimi tal-familja tieghu u l-proprjeta` tieghu jigu mqeghda f’perikolu serju;

“Jghidu ghalhekk l-istess konvenuti l-ghaliex m’ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:-

(1) tiddikjara u tiddeciedi illi l-kunsens ta’ l-attur fuq il-kuntratt tat-23 ta’ Lulju 1993 atti Nutar Mario Bugeja gie karpit bi vjolenza u ghalhekk kien vizzjat;

(2) konsegwentement thassar u tannulla l-imsemmi kuntratt jew li twettaq il-validita` tieghu di fronte ghall-attur u dan minhabba vizzju tal-kunsens ta’ l-attur kif fuq inghad;

(3) tordna l-kancellament ta’ l-ipoteka specjali iskritta fuq il-proprjeta` ta’ l-attur kif rizultanti mill-att imsemmi;

“Bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-25 ta’ Marzu 1996, kontra l-konvenuti ngunti minn issa ghas-subizjoni;”

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-kuraturi konvenuti li in forza taghha eccepew illi:

1) l-eccipjenti mhumiex edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw illi jaghtu l-eccezzjonijiet opportuni fi stadju ulterjuri.

2) Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Pawlu u Anna mizzewgin Falzon li in forza taghha eccepew illi:
“Preliminarjament illi l-gudizzju mhux integru stante illi mart l-attur mhux parti fil-kawza;

“Sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi l-azzjoni hija preskritta a tenur ta’ l-Artikolu 1222 tal-Kodici Civili li jipprovdi perijodu ta’ dekadenza ta’ sentejn.

“Sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess mhux minnu illi l-kunsens ta’ l-attur kien vizzjat.

“Salvi eccezzjonijiet ohra;”

Rat is-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta’ Novembru, 2003, li in forza taghha iddecidiet illi:
“Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta’ l-kawza billi, wara li tichad l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni u tichad ukoll l-eccezzjonijiet l-ohra, tilqa’ t-talbiet ta’ l-attur: tghid illi l-kunsens tieghu fuq il-kuntratt tat-23 ta’ Lulju 1993 fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja ttiehed bi vjolenza u ghalhekk ma jiswiex; thassar il-kuntratt u tordna wkoll li tithassar l-ipoteka fuq il-proprjeta` ta’ l-attur.

“L-ispejjez gudizzjarji, ukoll dawk tal-konvenuti l-ohra, ghandu jhallashom kollha l-konvenut Ivan Caruana, billi kien dan li, bl-ghemil tieghu, holoq il-htiega li ssir din il-kawza.”

Dik l-Onorabbli Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Fit-23 ta' Lulju 1993 kien pubblikat fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja kuntratt li fuqu dehru l-konvenut Paul Falzon bhala kreditur u l-konvenut Ivan Caruana bhala debitur; deher ukoll l-attur Emanuel Caruana. Il-partijiet fissru illi l-konvenut Ivan Caruana kellu jaghti lill-konvenut Paul Falzon sbatax-il elf lira (Lm17,000) u l-imghaxijiet fuqhom. Dan id-dejn kien garantit b'ipoteka, izda, billi l-kreditur ried garanzija ohra, l-attur Emanuel Caruana dahal bhala garanti *in solidum* biex jaghmel tajjeb ghad-dejn, u holoq favur il-kreditur ipoteka specjali fuq bicctejn art fl-Imqabba.

"L-attur xehed[1] illi ibnu, l-konvenut Ivan Caruana kien iddejjen mal-konvenut l-iehor Falzon, u l-konvenuti bdew jaghfsu lill-attur biex ihallas id-dejn ta' ibnu jew jintrabat li jaghmel tajjeb ghalih. L-attur ma riedx, izda darba minnhom Ivan mar sabu d-dar u tah kedda ghax riedu bilfors imur ghand in-nutar. L-attur intefa' fuq is-sodda, u Ivan xehitlu banketta, beda jghajjat, isabbat u jsus fuqu. Mart l-attur bdiet tibki u meta ra hekk l-attur mar ghand in-nutar flimkien ma' martu u bintu.

"Meta waslu ghand in-nutar l-attur qallu li kien mar ghax imgieghel bi vjolenza, u n-nutar wiegbu illi f'dak il-kaz ma jsir xejn. Marru lura d-dar u sabu li Ivan kien wasal qabilhom, ikisser u jwerwer lil kulhadd. Mart l-attur hassha hazin, u Ivan ha lill-attur ghand in-nutar u gieghlu jiffirma. L-attur ighid illi, ghalkemm iffirma, kien eccitat hafna u ma fehem xejn minn dak li kien qed jigri.

"Wara, l-attur kemm-il darba mar ghand in-nutar biex jithassar il-kuntratt; in-nutar kien ighidlu li kellu jkellem lil Falzon izda qatt ma waslet twegiba, u n-nutar ghalhekk tah parir ikellem avukat. Kemm-il darba wkoll l-attur talab lil Ivan biex ihallas lil Falzon u hekk jehilsu mill-inkwiet, izda dan kollu kien ghalxejn, ghax Ivan kien jheddu u jaqtaghlu fil-qasir.

"Fi Frar ta' l-1995 Ivan telaq minn Malta. Ghall-ewwel l-attur kien jahseb illi Ivan kien telaq ghal ftit zmien u kellu jigi lura; meta ntebah li kien telaq ghal kollox ghamel il-

[1] Ara l-affidavit mahluf mill-attur fis-7 ta' Frar 1997, *fol*. 36 *et seq*.

qalb, mar ikellem avukat u fetah din il-kawza. Qal li ma ghamilhiex qabel ghax kien imwerwer minn Ivan.

"Din ix-xhieda ta' l-attur kienet korroborata minn martu[2], minn uliedu Charmaine Pace[3] u Josianne Chircop[4], u minn Emanuela Pace, omm ir-ragel ta' bintu[5].

"In-nutar li quddiemu sar il-kuntratt ukoll xehed li l-attur kien qallu li ibnu kien uza l-vjolenza mieghu u li hu ma riedx jiffirma l-kuntratt; xehed ukoll illi fl-ewwel okkazjoni l-kuntratt ma sarx, ghalkemm sar wara[6].

"Il-konvenut Pawlu Falzon fix-xhieda tieghu ried jaghti x'tifhem li l-kuntratt sar ghax kemm Ivan kif ukoll missieru l-attur riedu li Ivan jissellef minghandu sabiex ihallas lill-kredituri kollha u jkollu kreditur wiehed biss, *i.e.* lil Falzon stess, u l-attur ried ighin biex dan ikun jista' jsir billi jidhol garanti u joffri ipoteka fuq il-proprjeta` tieghu.

"Jidher izda li dan ma hux minnu; il-kuntratt stess ighid illi d-dejn ta' Ivan ma' Falzon inholoq fl-1990, kwazi sentejn u nofs qabel ma sar il-kuntratt meritu tal-kawza tal-lum u Falzon ma sellifx flus ohra fuq il-kuntratt. Ghalhekk ma hux minnu illi l-attur kellu l-"incentiv" Falzon ighid li kellu – *i.e.* li jghin lil ibnu jissellef – biex jidher fuq il-kuntratt, ghax id-dejn kien ilu li sar, u l-kuntratt sar fl-interess ta' Falzon, li ried "sigurta` addizzjonali", kif ighid il-kuntratt stess.

"Il-Qorti aktar temmen li dak li gieghel lill-attur jidher fuq il-kuntratt ma kinitx ix-xewqa li jghin lil ibnu jikseb self iehor – ghax ebda self ma nghata fuq il-kuntratt – izda l-biza li kellu minhabba t-theddid u l-vjolenza tal-konvenut Ivan Caruana.

"Dwar l-effett tal-vjolenza fuq il-validita` ta' kuntratt, il-Kodici Civili jghid hekk:

---

[2] Ara l-*affidavit* mahluf minn Maria Concetta Caruana fit-18 ta' April 1997, *fol.* 46 *et seq.*
[3] Ara x-xhieda ta' Charmaine Pace fis-seduta tat-22 ta' Mejju 1997, *fol.* 53 *et seq.*
[4] Ara l-*affidavit* mahluf minn Josianne Chricop fis-26 ta' Settembru 1997, *fol.* 72 *et seq.*
[5] Ara l-*affidavit* mahluf minn Emanuela Pace fis-26 ta' Settembru 1997, *fol.* 74 *et seq.*
[6] Ara x-xhieda tan-Nutar Mario Bugeja tat-18 ta' Frar 1999, *fol.* 94 *et seq.*

**974.** Jekk il-kunsens ikun gie moghti bi zball, jew mehud bi vjolenza, jew
b'eghmil doluz, ma jkunx jiswa.

**977.** (1) Il-vjolenza wzata kontra dak li jkun intrabat bl-obbligazzjoni hija motiv ta' nullita`, ukoll jekk dik il-vjolenza tkun giet maghmula minn wiehed iehor li ma jkunx dak li favur tieghu tkun saret l-obbligazzjoni.

(2) F'dawn il-kazijiet, ghandhom jitqiesu l-eta`, is-sess, u l-kundizzjoni tal-persuna.

**978.** (1) Il-vjolenza hija motiv ta' nullita` tal-kuntratt, ukoll meta d-deni mhedded ikun dirett biex jolqot il-persuna jew il-hwejjeg tal-mara, jew tar-ragel, jew ta' dixxendent, jew ta' axxendent tal-parti li tikkuntratta.

"Il-Qorti hija sodisfatta illi l-biza' li l-vjolenza u theddid tal-konvenut Ivan Caruana nisslu fl-attur kien bizzejjed biex igieghel lil dan jemmen illi, jekk ma jaghmilx kif riedu jaghmel Ivan, kienet sejra ssir hsara lilu, lil hwejjgu, lil martu u lil uliedu l-ohra. Ghalkemm felah ghall-ewwel jeghleb dan il-biza', ghax l-ewwel darba l-kuntratt ma sarx, fl-ahhar l-attur ma felahx izjed u ceda.

"Il-kunsens minnu moghti f'dawk ic-cirkostanzi ma jiswiex.

"Il-Qorti ghalhekk tichad it-tielet eccezzjoni tal-konvenuta Falzon.

"Il-konvenuti Falzon ressqu wkoll eccezzjoni ta' nuqqas ta' integirta` tal-gudizzju, u eccezzjoni ta' preskrizzjoni.

"L-eccezzjoni ta' nuqqas ta' integrita` tal-gudizzju nghatat ghax lill-konvenuti Falzon dehrilhom illi mart l-attur kellha wkoll tkun parti fil-kawza.

"Il-kunsens li ttiehed bi vjolenza kien il-kunsens ta' l-attur; ghalhekk l-attur ghandu interess bizzejjed biex jillegittimah li jfittex li jhassar il-kuntratt li sar bis-sahha ta' dak il-kunsens; l-intervent ta' martu ma hux mehtieg. L-eccezzjoni hija ghalhekk michuda.

"L-eccezzjoni ta' preskrizzjoni hija mibnija fuq l-art. 1222 tal-Kodici Civili:

**1222.** (1) Meta l-ligi f'xi kaz partikolari ma tistabbilixxix zmien aqsar, l- azzjoni ghar-rexxissjoni minhabba vjolenza, zball, ghemil doluz, stat ta' interdizzjoni, jew nuqqas ta' eta`, taqa' bil-preskrizzjoni gheluq sentejn.

"Relevanti wkoll huwa l-Art. 1223(1):

"**1223.** (Iz-zmien tal-preskrizzjoni hawn fuq imsemmi jibda jghodd biss, fil-kaz ta' vjolenza, minn dak in-nhar tispicca, … … …

"Il-Qorti temmen illi, sakemm Ivan Caruana kien ghadu f'Malta, l-attur kien ghadu, u kien ghad ghandu raguni ghala, jibza' li, jekk jiftah din il-kawza, ir-reazzjoni ta' Ivan kienet terga' tkun wahda vjolenti. Ghalhekk, sakemm Ivan telaq minn Malta fi-Frar ta' l-1995, l-effett tal-vjolenza kien ghadu ma spiccax. Billi l-kawza nfethet f'April ta' l-1996, anqas minn sentejn wara, l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni ma tistax tintlaqa'."

Rat ir-rikors ta' l-appell tal-konvenuti Pawlu u Anna konjugi Falzon;

Rat ir-risposta ta' l-attur;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti, inkluz id-dokument anness mar-rikors ta' appell;

Semghet dak li kellhom x'jghidu d-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-17 ta' Ottubru 2006;

Rat li l-kawza giet differita ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Illi jirrizulta li l-attur hu firmatarju fuq kuntratt ippubblikat fit-23 ta' Lulju, 1993, min-Nutar Dottor Mario Bugeja, fejn

dahal garanti in solidum mal-konvenut ibnu Ivan Caruana biex jaghmel tajjeb ghall-obbligazzjonijet li dahal fihom l-istess Ivan Caruana mal-konvenuti l-ohra konjugi Falzon. L-attur kien holoq ukoll ipoteka specjali fuq bicctejn proprejta` parafernali tieghu fl-Imqabba. L-attur qed jitlob ir-rexxissjoni tal-kuntratt peress li qed jallega li l-kunsens tieghu kien vizzjat minhabba vjolenza fizika u morali kontra tieghu u kontra hwejgu mill-istess Ivan Caruana. Il-konvenuti konjugi Falzon cahdu din l-allegazzjoni u eccepew ukoll il-preskrizzjoni ta' sentejn taht l-Artikolu 1222 tal-Kodici Civili.

L-ewwel Qorti cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti konjugi Falzon, laqghet it-talbiet ta' l-attur u hassret il-kuntratt tat-23 ta' Lulju, 1993.

Il-konvenuti konjugi Falzon appellaw minn dik is-sentenza. Huma ressqu tliet aggravji li jirreferu ghat-tliet eccezzjonijiet li gew minnhom sollevati. L-aggravji huma bazikament argumenti in sostenn ta' dawn l-eccezzjonijiet li, kif rajna, gew michuda; pero` fl-imsemmi rikors ta' appell it-tieni u t-tielet eccezzjoni gew invertiti fl-ordni taghhom.

Fl-ewwel eccezzjoni, il-konvenuti eccepew li l-gudizzju mhux integru peress li mart l-attur ma kienetx parti fil-kawza. Din il-Qorti tirrileva illi filwaqt li l-ghoti ta' garanzija huwa att ta' amministrazzjoni straordinarja a tenur ta' l-Artikolu 1322(3)(h) tal-Kodici Civili, it-thassir tal-garanzija mhux hekk meqjus, kif wiehed jista' jargumenta a *contrario sensu* mis-subartikolu 3(m) ta' l-istess artikolu, li jqis bhala atti ta' amministrazzjoni straordinarja it-thassir biss ta' atti ta' akkwist jew divizjoni ta' proprjeta` immobbli. Kif inhu stabbilit, l-atti ta' amministrazzjoni straordinarja elenkati fl-Artikolu 1322(3) huma definittivi u ma jistghux jigu estizi (ara per ezempju "Mamo noe v. Ellul Sullivan et" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Mejju 2006). La darba l-att mhux meqjus bhala att ta' amministrazzjoni straordinarja, huwa att ta' amministrazzjoni ordinarja u allura ghalkemm hu att li jolqot il-konvenzjoni ta' l-akkwisti, a tenur ta' l-Artikolu 1322(1), il-jedd li jressaq azzjoni gudizzjarja in konnessjoni ma' dak l-att imiss lil kull wahda

mill-partijiet mizzewga.  Lanqas it-talba ghat-thassir ta' l-ipoteka ma hi meqjusa mil-ligi bhala att ta' amministrazzjoni ordinarja aktar u aktar meta, bhal f'dan il-kaz, l-ipoteka tolqot biss proprjeta` parafernali ta' l-attur. Kwindi, ghalkemm ghar-raguni differenti minn dik ta' l-ewwel Onorabbli Qorti, l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti konjugi Falzon giet korrettement respinta mill-ewwel Qorti, u l-aggravju dwarha qed jigi wkoll respint.

Il-konvenuti, fit-tieni aggravju taghhom, isostnu li bhala fatt il-kunsens ta' l-attur ma kienx vizzjat bi vjolenza. Hawnhekk il-konvenuti qed jippruvaw iwaqqghu l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Onorabbli Qorti. Issa, kif inhu maghruf,  Qorti tat-tieni grad m'ghandhiex tiddisturba l-apprezzament ta' fatt li tkun ghamlet Qorti ta' l-ewwel grad, u dan sakemm ma jigix indikat lill-Qorti tat-tieni grad cirkostanzi li jikkonvincu lil dik il-Qorti ta' revizjoni illi l-apprezzament ta' l-ewwel Qorti kien tant zbaljat li jwassal ghall-holqien ta' ingustizzja.  Issa f'dan il-kaz, ma hemm xejn minn dan.

Biex vjolenza morali tikkostitwixxi vizzju tal-kunsens li jwassal ghan-nullita` tal-kuntratt, hemm bzonn li dik il-vjolenza tkun il-kawza determinanti tal-kuntratt, u li l-kunsens ikun il-frott tal-vjolenza ezercitata biex jigi ottenut il-kunsens.  Kif intqal drabi ohra,
"Biex il-vjolenza morali tammonta ghall-vizzju tal-kunsens hemm bzonn li tkun <u>determinanti, ingusta u gravi</u> u tali taghmel impressjoni fuq persuna ragonevoli u li tiggenera l-biza li tesponi ingustament lill-persuna taghha jew il-gid taghha ghal dannu gravi… Il-kwistjoni jekk hemmx vjolenza hija ndagini li hija imhollija interament fil-prudenza tal-gudikant."  (ara Kollez. Vol.XXIX.11.749).

Din il-Qorti ezaminat il-provi prodotti u taqbel perfettament ma' l-ewwel Onorabbli Qorti li f'dan il-kaz, jezistu l-estremi tal-vjolenza mehtiega biex jithassar il-kunsens ta' l-attur. Dan mhux kaz ta' persuna eccitata rizultat ta' ghajjat fil-konfront taghha, izda l-attur gie verbalment mhedded b'dannu fuq persuntu.  Jirrizulta mill-provi li meta l-attur mar l-ewwel darba ghand in-Nutar biex jiffirma l-kuntratt, l-attur qallu li ma xtaqx jiffirmah u li kien se jaghmel hekk

ghax kien imbezza' minn ibnu. In-Nutar allura, ma ppubblikax l-att. Meta l-attur mar lura d-dar, ibnu Ivan, li kien qed jakkompanja lill-missieri, qallu li "jekk ma taghmilx li nghidlek jiena, b'rasek idur". Dak inhar Ivan Caruana, lil missieru, qabdu minn sidru u mbuttah b'sahha fuq il-pultruna, tant li l-attur beda jibki u jghid lil ibnu "ara x'qieghed taghmilli". Omm ir-ragel tat-tifla ta' l-attur, Emmanuela Pace, li kienet prezenti ghal dak l-episodju, xehdet ukoll li Ivan Caruana, infexx f'daghdigha ta' rabja, beda joffendi lill-attur bl-addocc u jghajjat "imxi dad, ghax ser noqtlok[7]".

It-tifla ta' l-attur, Charmaine Pace[8], kienet ukoll prezenti u xehdet li missierha assolutament ma riedx jiffirma l-kuntratt, imma Ivan Caruana beda jinsisti, jghajjat mieghu u qallu wkoll "ghax illum wahda kbira ha tigri jekk ma tigix ghand in-nutar maghna". Meta l-attur mar lura d-dar u baqa' ma ffirmax il-kuntratt Ivan Caruana qajjem "fratterija akbar". Din ix-xhud tkompli tghid li Ivan Caruana tant kien irrabbjat li, barra li pprova jerfa' jdejh fuq l-attur, waddablu banketta, kisser hgiega u hebb ghal missieru. L-attur imwerwer bl-atteggjament "feroci" ta' ibnu u accetta li jmur jiffirma l-kuntratt.

Din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn ma taghtix kredibilita` lil dawn ix-xhieda u ohrajn li xehedu fl-istess sens u anke l-ewwel Qorti li kellha okkazzjoni tisma' lix-xhieda viva voce (in ezami u/jew in kontro ezami) u tapprezza l-komportament taghhom fuq il-pedana tax-xhieda, dehrilha li x-xhieda prodotti mill-attur kienu affidabbli. L-attur ipprova jirrezisti ghall-avvanzi ta' ibnu, izda t-theddid tant kien serju u feroci, li l-effett taghhom kien, fil-fehma ta' din il-Qorti, li gabu fix-xejn ir-rieda ta' l-attur, b'mod li ma jistax jinghad li hu verament ta l-kunsens tieghu ghal dak l-att impunjat.

L-appellanti jinvitaw lil din il-Qorti tqis ix-xhieda tan-Nutar Bugeja li ppubblika l-att, pero`, dan ma kienx jghix ma' l-attur u ma jafx x'tip ta' pressjoni kienet issir fuq l-attur minn ibnu. Lanqas ma kien prezenti fir-residenza ta' l-

[7] Ara fol. 73.
[8] Fol. 53 *et seq.*

attur qabel ma ppubblika l-att, u ghalhekk, ma jista’ jghid xejn dwar il-vjolenza prattikata dak inhar minn Ivan Caruana fuq missieru. In-Nutar semma’ li mart l-attur kienet qaltlu biex jirranga xi haga ghax kienet qed tibza’ “li t-tifel jaghmel xi gennata, imur jaqbez minn x’imkien”. Dettalji ohra ma jafx jew ma jiftakarx.

Ix-xhieda tan-Nutar, mehuda waheda, tidher ftit xotta, ghalkemm jaghti x’jifhem li xi forma ta’ pressjoni fuq l-attur biex jiffirma l-kutnratt kien hemm – fuq kollox, il-biza ta’ hsara fuq dixxendent titqies ukoll bhala vjolenza a tenur ta’ l-Artikolu 979(1) tal-Kodici Civili. Meta wiehed jezamina l-provi kollha prodotti, din il-Qorti, bhal l-ewwel Qorti qabilha, tara li meta l-attur iffirma l-kuntratt hu ma kienx qed “jaccetta” volontarjament li jaghmel dak li kien qed jaghmel u li l-vjolenza li giet ezercitata fuqu kienet wahda ingusta, gravi u determinanti.

Il-konvenuti eccepew ukoll il-preskrizzjoni ta’ sentejn ai termini ta’ l-Artikolu 1222 tal-Kodici Civili u t-tielet aggravju ta’ l-appellanti jirrigwarda din l-eccezzjoni. L-Artikolu 1223(1) ta’ l-istess Kodici jghid, imbaghad, li z-zmien tal-preskrizzjoni jibda jghodd biss minn dak inhar li l-vjolenza tispicca. Il-konvenuti konjugi Falzon jissottomettu li, kuntrarjament ghal dak li ddecidiet l-ewwel Qorti, is-suppost vjolenza spiccat wara li gie ffirmat il-kuntratt. Din il-Qorti rat li, xi jumejn wara li gie ffirmat il-kuntratt, l-attur mar ikellem lin-Nutar u qallu li ried ihassar il-kuntratt. In-Nutar spjegalu li biex dan ikun jista’ jsir, ikun irid il-kunsens ta’ ibnu u tal-konjugi Falzon biex ikun jista’ jsir dak li ried. L-attur, pero`, beza’ jaffaccja lil ibnu ghax kien jaf kif kien se jilqghu. Kien jaf li jekk lil ibnu issemilu li ried ihassar il-kuntratt, dan kien jinfexx fi vjolenza u l-attur bir-ragun ma riedx jerga’ jghaddi mill-esperjenza li ghadda minnha dak inhar li gie ppubblikat il-kuntratt. Din il-Qorti, ghalhekk, temmen, bhal l-ewwel Qorti, illi sakemm Ivan Caruana kien ghadu f’Malta, l-attur kien ghadu jibza’ li jekk jiftah din il-kawza, ir-reazzjoni ta’ Ivan Caruana kienet terga’ tkun wahda vjolenti. Kien meta Ivan Caruana telaq minn Malta fi Frar tal-1995 li l-effett tal-vjolenza jista’ jinghad li spicca. Fil-fatt, meta l-attur intebah li ibnu kien telaq minn Malta ghal kollox, huwa mar ikellem avukat u

eventwalment fetah din il-kawza. Din il-kawza infethet f'April tal-1996, anqas minn sentejn minn meta spiccat it-theddida ta' vjolenza fizika, u kwindi l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni ma tistax tintlaqa'.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell ta' Pawlu u Anna konjugi Falzon billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta' dawn il-proceduri quddiem din il-Qorti jithallsu mill-konvenuti appellanti, il-konjugi Falzon, solidament bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------